FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IL-HAMIS 7 TA’ MARZU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA FARRUGIA MAMO
VS
CONSIGLIA GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Consiglia Grech ta’ 32 sena, bint Emanuel u Josephine Barbara, imwielda Pieta fil-15 ta’ Awissu 1969 u residenti numru 133, Xatt is-Sajjieda, M’Xlokk detentur ta’ karta tal-identita’ numru 334469M talli f’dawn il-gzejjer, fis-7 ta’ Gunju 1999 u fix-xhur ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:
Bil-hsieb li tikseb ghaliha innifisha jew ghal haDdiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra r-risKji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggiet, xerrdet ‘l hawn u ‘l hemm jew gharrqet b’xi mezz li jkun, hwejjeg taghha u cioe habtet il-vettura registrata fuq isimha Skoda BAI 063 nhar is-7 ta’ Gunju 1999 mal-vettura Daihatsu Charade GAO 748 registrata fuq Sandro Camilleri, liema habta kienet fittizzja u saret fi Triq il-Maghtab, Maghtab, limiti ta’ Madliena, dan bi ksur tal-Artikoli 295 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar

minn Lm1000 ghad-dannu tas-socjeta Citadel Insurance, kumpaniji ta' l-Assikurazzjoni ohra u persuni ohra dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-7 ta' Marzu 2002 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha l-Qorti  ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 295, 308, 309, 310(1), 188 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.